**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru : 52/2015 JPG**

**Kawza Numru : 1**

**Hector Carter, detentur tal-karta ta' l-identita' Nru. 953750M**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u**
**L-Avukat Generali;**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Hector Carter detentur tal-Karta ta' l-Identita' Nru. 953750M, datat 2 ta' Gunju 2015, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

***DIKKJARAZZJONI TAL-FATTI:***

*Illi Hector Carter kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l- Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta) bin-numru*

*1301-4421 ECO.*

*Illi fit-3 ta' Marzu 2010, il-Kummissarju intimat ħareġ is-segwenti stejjem:-*

*(a) Stima ta' Eur 136,485.16;*
*(b) Stima ta' Eur 60,316.83;*
*(c) Penali ta' Eur 17,891.09;*

*Liema stimi kienu jirreferu għall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Diċembru 2007 u mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Ottubru 2009;*

*Illi r-rikorrenti intavola appell minn dawn l-istejjem u b'deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni tat-8 ta' Frar 2011, l-istess Bord iddeċieda billi ċaħad l-appell u kkonferma l-likwidazzjoni taż-żewġ stejjem u l-penali dovuti kif maħruġa mill-Awtorita' Kompetenti;*

*Illi fis-7 ta' Marzu 2011, ir-rikorrenti intavola rikors tal-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (App. Nru. 08/2011) fejn fih talab lil dik il-Qorti joġġħobha tilqa' l-Appell tiegħu u tħassar is-sentenza tal-Bord ta' L-Appelli Dwar L-Eko Kontribuzzjoni tat-8 ta' Frar 2011 (Appell Numru 3/10) u konsegwement tiċħad ir-risposta tal-appellat u tilqa t-talbiet kollha tal-esponenti inkluż l-appell tiegħu in prim'istanza.*

*Illi fil-21 ta' Mejju 2012, ir-rikorrenti talab li ssir referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi allega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Illi b'Sentenza preliminari mogħtija fil-25 ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddeċidiet billi ċaħdet it-talba għar-referenza kostituzzjonali u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell fil-mertu.*

***IR-RAĠUNI TAT-TALBA:-***

***a. Multi ta' natura kriminali:***

*Illi fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti kien suġġett għall-investigazzjoni fiskali mit-*

*Tax Compliance Unit (TCU) u di fatti, f'rapport datat is-26 ta' Marzu 2009 l-uffiċjali tat-TCU wasslu għall-konklużjonijiet rigwardanti t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-*perjodu *minn l-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta'* Lulju *2008*[1] *u l-konklużjonijiet rigwardanti t-Taxxa tal-Eco Kontribuzzjoni għall-*perjodu *minn l-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Ottubru 2008*[2]*;*

*Illi abbażi ta dan ir-*rapport*, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ħareġ l-istejjem kontra r-rikorrenti għal dak li għandu x'jaqsam ma' taxxa ta' Eko-*Kontribuzzjonu *u taxxa fuq il-Valur Miżjud. Ai termini tal-Artikoli li jinsabu taħt it-Taqsima VI tal-Att Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta) u tat-Taqsima V tal-Att Dwar il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Kummissajru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandu s-setgħa li jimponi fuq it-taxpayer il-pagament tat-Taxxi relattivi skond dawn l-istejjem kif ukoll il-ħlas tal-multi "amministrattivi"*[3] *relattivi għan-*nuqqasijiet *tat-Taxpayer;*

*Illi minn qari akkurat tal-multi amministrattivi, malajr jiġi rilevat illi dawn l-istess multi għandhom riperkussjonijiet serji fuq it-taxpayer. Għar-rigward ta' tipi ta' penali li jkunu mlaqqma bħala penali "amministrattivi", il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-każ A.P., M.P and T.P. v Switzerland, deċiża fid-29 ta' Awwissu 1997, irriteniet f'para. 39 li:-*

> *"The Court reiterates that the concept of "criminal charge" within the meaning of Article 6 is an autonomous one. In earlier case-law the Court has established that there are three criteria to be taken into account when it is being decided whether a person was "charged with a criminal offence" for the purposes of Article 6. These are the classification of the offence under national law, the nature of the offence and the nature and degree of severity of the penalty that the person concerned risked incurring (see, among other authorities, the Öztürk v. Germany judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, p. 18, § 50)."*

*Illi di piu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet tisħaq illi sempliċi klassifikazzjoni ta' multa jew penali bħala waħda "amministrattiva" ma teskludiex*

[1] Ara pg. 12 tal-imsemmi rapport.
[2] Ara pg. 13 tal-imsemmi rapport.
[3] Ara l-Artikolu 37 tal-Kap. 406 u l-Artikolu 14 tal-Kap. 473

*tali multa jew penali milli effettivament tkun waħda ta' natura penali għaliex wieħed irid jara l-effetti ta' dik l-imposizzjoni. Dan il-prinċipju ġie enunċjat fis-sentenza Engel and Others vs the Netherlands App No 5100/71, 5102/71, 5354/72, 5370/72 (1976) u, fost l-oħrajn, Ozturk v Germany Series A, No 73 (1984) 6 EHRR 409, para 51-53; Menarini Diagnostics SRL v Italy 27 Settembru 2011, para 38-42; Bendenoun v France 19 Gunju 2003, para 45 u 47; Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden 23 LuIju 2002, para 76-82).*

*Illi mis-severita' tal-multa li taxpayer jista' jeħel b'sempliċi stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, m'hemm l-ebda lok ta' dubju li dawn il-penali huma ta' natura kriminali u għandhom jiġu mogħtija l-protezzjoni maħsuba fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

***b. In-natura tal-investigazzjoni:-***

*Illi fir-rapport tagħhom, it-TCU jagħmlu konklużjoni għar-rigward tan-nuqqasijiet taħt il-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u konklużjoni għar-rigward tan-nuqqasijiet taħt il-Kap 473 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk, b'eżerċizzju wieħed, tax payer huwa soġġett għal-żewġ multi "amministrattivi";*
*Illi minkejja l-effetti serji li jista' jkollha investigazzjoni tat-TCU, il-mod ta' kif għandha titmexxa investigazzjoni u l-limitazzjonijiet tal-poteri tal-istess Unit m'humiex stabbiliti permezz tal-liġi. Di fatti, investigazzjoni mit-TCU tippermetti lill-istess uffiċjali sabiex iġibu dokumenti u evidenza minn sorsi li jidrilhom huma u imbagħad sta għat-taxpayer sabiex jeżonera lilu nnifsu. Aktar minn dan, mhux talli t-taxpayer investigat ma jingħatax il-preżunzjoni tal-innoċenza waqt l-investigazzjoni, talli s-silenzju tal-istess taxpayer jiġi interpretat bħala nuqqas ta' ko-operazzjoni[4];*

*lli dan jikkontrasta ferm mal-obbligi u l-poteri li għandhom organi investigattivi oħrajn, fosthom il-korp tal-Pulizija fejn persuna tingħata id-drittijiet tagħha mill-ewwel stadji inizzjali tal-investigazzjoni, u persuna tibqa' tiġi kkunsidrata bħala innoċenti sakemm ma jkunx hemm pronunzjament minn Qorti Kompetenti;*

[4] Fir-rapport tat-TCU hemm 4 aċċenni għall-fatt li r-rikorrenti ma "ikkowoperax" mal-uffiċjali.

*Illi di piu, ir-rapport li jservi bħala bażi għad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-VAT huwa estensivament ibbażat fuq suppożizzjonijiet li għamlu l-istess uffiċjali tat-TCU fuq informazzjoni li huma kisbu minn sorsi li m'humiex soġġetti għall-iskrutinju tat-taxpayer;*

*Illi jiġi sottomess li ladarba t-TCU jissottomettu r-rapport tagħhom, il-Kummissajru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud joħroġ l-istimi u l-penali abbażi ta' tali rapport u jeżiġi pagament mit-taxpayer propju fuq il-bażi tal-investigazzjoni li tkun saret.*

*Illi fl-ebda mument ma jingħata l-opportunita' lit-taxpayer li jagħmel l-iskrutinju tiegħu għar-rigward tal-investigazzjonijiet, tal-kalkolazzjonijiet u tas-sorsi li ntużaw mill-uffiċjali tat-TCU, anzi, bil-maqlub, l-unika opportunita' li jingħata taxpayer hija li jippreżenta dokumenti da parti tiegħu lil min qiegħed jinvestigaħ biex potenzjalment, jekk l-uffiċjali tat-TCU ma jkunx sodisfatt b'tali dokumenti, juża l-istess dokumenti kontra t-taxpayer stess li jkun fornihom!*

*Illi allura, l-unika għażla li jkun għad fadallu taxpayer li jħossu aggravat bir-rapport tat-TCU u l-istima maħruġa mill-Kummissarju intimat hija li jappella tali stima skond l-Atti relevanti;*

***C. Ir-rimedju mogħti mill-Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta:***

*Illi skont l-Artikolu 20 tal-Kap. 473 tal-Liġjiet ta' Malta, l-unika rimedju li għandu taxpayer li ma jaqbilx mal-imposizzjoni tal-Kummissarju tal-VAT huwa appell quddiem il-Bord tal-Appelli, fejn hija toġġezzjona għall-ammont ta' eko-kotribuzzjoni u għall-penali amministrattivi hekk stabbiliti. Illi dan m'huwiex l-istess rimedju mogħti mill-Artikolu 45 tal-Kap. 406 stante li l-istess Att jagħti d-dritt ta' Appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva;*

*Illi l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jistipola li kull minn ikun akkuzat b'reat kriminali għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn <u>Qorti</u> indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*Illi l-Bord tal-Appelli, għalkemm huwa stabbilit b'liġi, ma jistax jitqies bħala Qorti*

*skond il-Kostituzzjoni u żgur li ma jistax jitqies bħala imparzjali u indipendenti meta l-komposizzjoni tiegħu stess tesponieħ għall-influwenzi amministrattivi mingħajr ma l-istess Membri tal-Bord m'għandhom il-protezzjoni tal-liberta' tad-deċiżjonijiet tagħhom bħalma għandhom il-membri tal-ġudikatura tal-Qrati nostrani;*

*Illi oltre dan, l-Appell permessibbli mill-istess Att huwa soġġett għal numru ta' kondizzjonijiet taħt l-Artikolu 20 li huma għall-kollox estraneji għall-proċeduri ġudizzjarji ta' Qorti a tenur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 1-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;*

*Illi imkien, waqt it-trattazzjoni tal-Appell quddiem il-Bord, ma jingħata d-dritt awtomatiku lit-taxpayer li jħarrek lis-sorsi li ntużaw mill-uffiċjali investigattivi sabiex jagħmel l-eżami jew il-kontro-eżami relattiv – proċess li jiggarantixxi l-imparzjalita u l-oġġettivita' tal-provi li jkun iressaq il-Kummissarju tal-VAT;*

***IT-TALBA TAR-RIKORRENTI:-***

*Għaldaqstant, in vista tas-suesport, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:-*

1. *Tagħti provvediment ad interim b'mod urġenti sabiex jiġi immedjatament sospiż l-andament tar-Rikors tal-Appell ippreżentat mir-rikorrenti (App. Nru. 08/2011) sakemm tiġi deċiża din il-vertenza Kostituzjonali,*

2. *Tiddikjara illi, għar-raġunijiet suesposti, l-investigazzjoni mwettqa kontra r-rikorrenti mit-Tax Compliance Unit hija kolpita b'difetti serji u li jiksru id-drittijiet u l-libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39;*

3. *Tiddikkjara illi, għar-raġunijiet fuq esposti, l-Artikoli 13A, 13B, 13C, 13D, 14, 18, 20, 21, 22 tal-Att Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksru id-drittijiet u l-libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39;*

4. *Tiddikjara illi, għar-raġunijiet fuq esposti, l-Artikoli 13A, 13B, 13C, 13D, 14, 18, 20, 21, 22 tal-Att Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksru d-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem :*

   *(a) Fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporat fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta` Malta; u*

   *(b) Fl-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll tal-istess Konvenzjoni ;*

5. *Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli l-Artikoli 13A, 13B, 13C, 13D, 14, 18, 20, 21, 22 tal-Att Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta) huma nulli u bla effett in kwantu li huma leżivi tal-Artikoli preċitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni ;*

6. *Tiddikjara konsegwentement illi l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud a tenur tal-Kap. 473 tal-Liġijiet ta' Malta jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikoli preċitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;*

7. *Tiddikjara illi bl-aġir tagħhom l-intimati jew min minnhom huma responsabbli tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif premess ;*

8. *Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;*

9. *Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;*

10. *Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens ieħor li jidhrilha xieraq u opportun a tenur tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kummisarju tat-Taxxi, gia Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud u tal-Avukat Generali, datata 25 ta' Gunju, 2015, a fol 14 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 stante li l-proceduri ntavolati mir-rikorrenti stess quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (Appell Numru 8/2011 EG fl-ismijiet* ***Hector Carter vs Id-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (L-Awtorita' Kompetenti)*** *ghadhom pendenti quddiem l-imsemmija Qorti liema qorti, b'digriet moghti fil-25 ta' Marzu 2015, cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal Referenza Kostituzzjonali in kwantu ghal kollox infondata. Isegwi ghalhekk li permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qieghed jabbuza minn din il-procedura straordinarja kostituzzjonali billi qieghed jittenta jissovverti dak deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tad-digriet surriferit;*

2. *Illi minghajr pregudizzju, ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet tal-esponenti fil-mertu, l-ewwel talba rikorrenti 'sabiex jigi immedjatament sospiz l-andament tar-Rikors tal-Appell ipprezentat mir-rikorrenti (App. Nru. 8/2011) sakemm tigi deciza din il-vertenza kostituzzjonali' qeghda tigi opposta ghar-ragunijet segwenti li qeghidn jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;*

2.1 *Illi hija l-umli fehma tal-esponenti li t-talba tar-rikorrenti li tinghata interim measure hija karenti kemm minn bazi legali kif ukoll fattwali;*

2.2 *Illi l-istess Qorti Ewropeja tinterpreta kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett ghall-ahhar u tikkoncedi tali mizuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u tad-dritt li persuna ma tigix assoggettata ghal tortura jew ghal trattament inuman u degredanti f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u esplusjoni. Certament illi l-kaz odjern ma jinkwadra taht l-ebda wiehed minn dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li abbazi taghhom jinghataw dawn il-mizuri;*

2.3 *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-tip ta' interim measure li qed tintalab hija sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni ta' proceduri gudizzjarji quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-esponenti jirrilevaw li l-ligi u l-*

*gurisprudenza nostrana hija totalment opposta ghal mizura simili in kwantu tali mizura tiffrena l-andament normali ta' kawza u tiffrena l-ispeditezza li tezigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata fi zmien ragonevoli u dan 'jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia' mghobbija b'diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom f'din is-sentenza';*[5]

2.4 *Illi in vista ta' dan, legalment hemm biss l-obbligu tas-soprasessjoni fic-cirkostanza eccezzjonali fejn Qorti ta' kompetenza 'ordinarja' rinfaccata b'ilment dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-Bniedem jew tal-Libertajiet Fundamentali tiddeciedi, wara li tanalizza l-kaz u l-lanjanzi quddiemha, li ma tistax tkompli bis-smiegh tal-kaz minghajr d-direzzjoni tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha u ghalhekk tirreferi l-kaz lilha*[6]*. Izda hija l-Qorti investita bil-kaz li tiddeciedi jekk ghandhiex twaqqaf il-proceduri taghha;*

2.5 *Illi fil-kaz odjern u jigi rilevat li l-Qorti tal-Appell* ***gja cahdet*** *talba ghall-riferenza kostituzzjonali b'digriet datat 25 ta' Marzu 2015. A tenur ta' din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet billi tichad it-talba tal-appellanti sabiex issir referenza kostituzzjonali u ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-appell fil-mertu 'billi ma jisthoqqlux akkoljiment' in kwantu 'ma hemmx dubju illi l-allegazzjoni imressqa 'il quddiem mill-appellanti ma hijiex oggettivament gustifikata', 'l-appellant jixhet din l-allegazzjoni fl-arja' u inghata opportunita' shiha sabiex qabel ma jinghalaq il-kaz, u allura wara li kienu ressqu l-provi kollha taghhom id-Dipartiment, huwa iressaq kwalunkwe' difiza li seta' kellu ghall-kaz...izda jidher li baqa' inattiv';*

2.6 *Illi di piu' u dejjem minghajr pregudizzju, in kwantu permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jittenta jissovverti dak deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tad-digriet surriferit, l-esponenti jirrelvaw li din l-Onorabbli Qorti mhijiex Qorti ta' Appell minn decizjonijiet ta' Qrati ohra fil-kompetenza 'ordinarja' taghhom;*

2.7 *Illi effettivament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qrati fis-sede kostituzzjonali rinfaccati* ***b'talbiet bhal dik odjerna*** *u bbazati fuq lanjanzi*

[5] **Dottor Alfred Mifsud vs. Onorevoli Prim' Ministru et,** Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Lulju 1994 u **Onorevoli Imhallef Dr Anton Depasquale vs. Avukat Generali** 1 ta' Gunju 2001

[6] L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap,319 tal-Ligijiet ta' Malta

*kostituzzjonali u konvenzjali simli ripetutament tennew illi m'ghandhomx jidhlu fi proceduri quddiem qrati ohra u dan ghaliex hija l-Qorti ta' Gurisdizzjoni 'ordinarja' li ghanda tiddeciedi jekk ghandiex tibqa ghaddejja bil-kawza jew le pendenti il-proceduri kostituzzjonali;*[7]

2.8 *Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda lok li tinhareg interim measure ghas-sospensjoni tar-Rikors tal-Appell kif mitlub mir-rikorrenti;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;*

4. *Illi fl-ewwel lok, kull allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq referibbli ghall-investigazzjoni tat-Tac Compliance Unit in kwantu allegatament ma giex prezunt innocenti u ma nghatax id-dritt tas-silenzju hija ghal kollox infondata u insostenibbli;*

5. *Illi ibda biex, l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta' applikabilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu l-lanjanza kif imqajma mir-rikorrent, la tammonta ghal 'drittijiet civili u tal-obbligi tieghu' u lanqas ghal 'akkuza kriminali kontra tieghu';*

6. *Illi di piu' u minghajr pregudizzju, l-allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens li 'l-investigazzjoni mwettqa kontra r-rikorrenti mit-Tax Compliance Unit hija kolpita b'difett serji u li jiksru d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' malta fl-Artikoli 39' hija ukoll infondata in kwantu l-imsemmjia disposizzjoni tal-Kostituzzjoni tirreferi ghall-andament ta' proceduri gudizzjarji b'dan illi, kif tghallem il-gurisprudenza kopjuza in materja, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-investigazzjonijiet li pprecedew l-imsemmija proceduri gudizzjarji u li ghalihom qieghed jaghmel referenza r-rikorrent. L-istess jghodd ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li ghalih issir referenza mir-rikorrent fir-raba' talba tieghu;*

[7] Rik Nru 35/2012 JA – **Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et,** digriet tas- 6 ta' Gunju 2012; Rik Nru 33/2013 JA – **Angelo Zahra vs Onorevoli Prim'Ministru et,** digriet tat-22 ta' Mejju 2013; Rik Nru 26/2015, **John Cefai vs L-Onor. Prim'Ministru** et, digriet tal-25 ta' Mejju 2015

7. *Illi kif tajjeb iddecidiet l-Onorabbli Qorti tal-Appell 'l-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli gew istigati fuq inizjattiva tal-appellanti stess li hass ruhu aggravat bid-decizjoni mehuda mill-Awtorita' Kompetenti abbazi ta' dak dispost fil-Kapitolu 473 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-mument li gew inizjati il-proceduri allura, huwa kellu f'idejh id-decizjoni tal-awtorita' u r-rapport tl-Awdituri li fih kien hemm spejgat l-iter li hadet l-investigazzjoni. Kwindi kien jispetta lilu mbghad, sabiex iressaq l-argumentazzjoni tieghu sabiex ixejjen tali konkluzjoni. Li kieku l-appellanti ghandu ragun, kwalunkwe' appell minn decizjoni amministrattiva in konnessjoni ma' xi imposizzjoni ta' taxxa jigi stultifikat bit-tax payer u jibqa inattiv u fis-silenzju sabiex ma 'jinkriminax ruhu.';*

8. *Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, permezz tad-digriet taghha tal-25 ta' Marzu, 2015, korrettament osservat u ddecidiet li 'sa l-ahhar tal-proceduri, u ghalhekk wara li d-Direttur kien diga ressaq il-provi kollha tieghu, l-appellanti xorta wahda gie moghti iz-zmien sabiex iressaq id-dokumentazzjoni li kellu biex ixejjen id-decizjoni sfavorevoli mehuda mill-Awtorita' Kompetenti, haga li huwa baqa' ma ghamilx tant illi l-Bord finalment ghadda ghad-decizjoni tieghu, u wara li kien sema lill-partijiet, intbaghat avviz lill-appellanti' fejn intalbu dokumenti minghand ir-rikorrent. Minkejja dan, sad-data tad-decizjoni, jigifieri sat-8 ta' Frar 2011, l-appellant kien baqa' ma pprezenta l-ebda dokumentazzjoni jew raguni ghaliex ma jistax jissottometti d-dokumenti tan-negozju mitluba mill-Bord biex ikunjista' jissustanzja l-argumenti tieghu. 'Min dan johrog allura, illi l-appellanti inghata opportunita' shiha sabiex qabel ma jinghalaq il-kaz, u allura wara li kienu ressqu l-provi kollha taghhom id-Dipartiment, huwa jressaq kwalunkwe' difiza li seta' kellu ghal kaz. Mhux biss izda jidher li baqa' inattiv xahrejn shah, tant illi l-Bord gibidlu l-attenzjoni ... Issa fi stadju ta' appell qieghed jilmenta minn allegat vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq, izda dan id-dritt ma jistax isarraf ruhu f'inattivita' sad-data tad-decizjoni finali, liema inattivita' kellha impatt negattiv fuq id-decizjoni tal-kaz u dana ghaliex naqas milli jipprezenta id-difiza tieghu';*

9. *Illi r-rikorrenti qieghed jilmenta ukoll li r-rimedju moghti mill-Kap.473 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv ghad-dritt ta' smiegh xieraq in kwantu skont ir-rikorrent il-Bord tal-Appell 'ma jistax jitqies bhala Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.' Dan l-allegazzjoni hija ghal kollox infondata u insostenibbli. Il-Bord tal-Appell dwar l-Eko-*

*Kontribuzzjoni huwa meqjus bhala Tribunal Amministrattiv skont il-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu', skont l-Artikolu 26 tal-Kap. 473 il-Bord huwa indipendenti fit-twettieq tal-funzjonijiet tieghu u ghal dan il-ghan il-membri li jigu appuntati in vista tal-esperjenza rilevanti kummercjali, teknika jew finanzjarja taghhom jinhatru ghal terminu ta' zmien fiss. Dan l-artikolu jipprovdi ukoll li l-President jew il-membri ta' dan il-Bord jistghu jigu rikuzati jew jastjenu skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili. F'kull kaz, minn decizjoni tal-Bord hemm Appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 473. Isegwi ghalhekk li jezistu l-garanziji ta' smiegh xieraq kif trid il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea;*

10. *Illi inoltre', kif gustament deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, 'ma hemmx dubju illi l-allegazzjoni imressaq 'l quddiem mill-appellanti ma hijiex gustifikata. Illi mitlub jaghti spjegazzjoni fis-seduta tal-25/08/2010 dwar l-allegazzjoni maghmula minnu ... l-appellanti, konvenjentement, jghid illi sottomissjoni saret mill-avukat u mhux minnu u ghalhekk mhux f'posizzjoni jwegibha, u wara dan jibqa' sokkombenti ghal proceduri quddiem il-Bord minghajr ma jerga' jissolleva l-oggezzjoni tieghu biex issa qieghed jerga' iressaqha fi stadju inoltrat tal-appell. Illi minn ezami tal-atti ma jidhirx illi kien hemm xi nuqqas min-naha tal-aggudikaturi tali illi l-partijiet jew xi hadd minnhom, hassew li dawn kienu qed jimxu b'mod parzjali jew ingustifikat. Ma jidhirx illi l-appellanti gie imcahhad milli jressaq id-difiza tieghu u l-provi in konnessjoni mal-istess. Alroche', ghalkemm moghti z-zmien sabiex iressaq id-dokumentazzjoni in sostenn tal-argument tieghu, l-appellanti jibqa' inadempjenti ... lanqas ma jirrizulta li l-aggudikaturi, ghalkemm fl-imghoddi setghu kellhom impjieg jew taw xi konsulenza lill-kontro-parti, madanakollu qatt ma kienu involuti fil-mertu ta' dana l-kaz tant illi b'xi mod setghu kienu predisposti kontra l-appellanti jew inkella kienu taw parir jew esprimew il-fehma taghhom in konnessjoni mal-istess. Kwindi din il-lanjanza ser tigi rigettata.'*

11. *Illi permezz tar-raba' talba r-rikorrent jallega ukoll ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Madankollu jirrizulta li din l-allegazzjoni hija mixhuta fl-arja in kwantu minn imkien fir-rikors promotur ma jirrizulta kif, skont ir-rikorrent, qieghed jigi allegatament ipprocessat jew kastigat darbtejn fi procedimenti kriminali. Minghajr pregudizzju ghal dan, din l-allegazzjoni hija ghal kollox infondata u insostenibbli in kwantu bhala stat ta' fatt l-uniku proceduri gudizzjarji*

*pendenti kontra r-rikorrent huma ta' natura fiskali mhux kriminali u li prezentement jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell kif inikat 'l fuq;*

12. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegazzjoni li l-Artikoli 13A, 13B, 13C, 14, 18, 20, 21 u 22 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap.473 tal-Ligijiet ta' Malta) jiksru d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 30 u l-Artikolu 6 u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea hija infondata u insostenibbli u ghandha tigi michuda;*

13. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso u biss ghall-grazzja tal-argument li inkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponenti qeghdin fermament jopponu, ma hemm l-ebda lok ghal rimedju jew kumpens pekunarju u/jew non-pekunarju iehor kif mitlub mir-rikorrenti in kwantu l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti standards u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards huwa r-rimedju ewlieni;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Hector Carter** xehed permezz ta' affidavit a fol 32 *et seqq.*, illi huwa kellu negozju ta' importazzjoni ta' birra u xorb iehor f'Malta ghal numru ta' snin, liema negozju kien irregistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, inkluz ghar-rigward tal-Eko-kontribuzzjoni. Spjega li f'Marzu 2010, kien ircieva zewg stejjem mahruga mill-Kummissarju ghar-rigward tal-Eko-kontribuzzjoni, fl-ammont ta' **€136,485.16** ghall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2004

u l-31 ta' Dicembru 2007, **€60,316.83** ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Ottubru 2009 u penali ta' **€17,891.09** bhala *Low declaration levy*, flimkien ma' penali li kienu jizdiedu kuljum. Kompla li ghalhekk, kien appella dawn l-istejjem f'April 2010 fuq punti ta' ligi kif ukoll ta' fatti, izda ma kienx f'posizzjoni li jlahham sew l-argumenti tieghu, peress illi l-istima li kien ircieva, ma kienitx motivata b'argumenti u b'ragunijiet li setghu jiggiwdawh dwar kif il-Kummissarju kien wasal ghal dawn il-figuri.

Xehed ukoll illi inoltre, f'Dicembru 2009 kien ircieva diversi stejjem rigwardanti VAT li sa dakinhar kien wasslu ghas-somma ta' **€214,608.24**, ghalkemm l-ammont huma llum ferm ikbar. Qal illi ma jafx kif il-Kummissarju tal-VAT wasal ghal dawn il-figuri u ma jafx lanqas fuq liema bazi kien qieghed jikkalkola l-interessi  sa mid-data ta' meta jidhirlu li kien jaghlaq il-perjodu. Zied illi ghalhekk, mhux talli l-Kummissarju tal-VAT kien arbitrarjament iddecieda li ghandu jhallas iktar VAT, izda talli wkoll applika multi amministrattivi u interessi sa mid-data meta, skont hu, kellu jithallas l-ammont stmat minnu.

Spjega illi fis-26 ta' Marzu 2009 kienet saret investigazzjoni mit-TCU izda hu qatt ma kien gie mgharraf bl-informazzjoni li kienet qed tingabar fuqu u minn wara daru, u li ghalhekk, ma kellu ebda kontroll dwar l-awtenticita u l-kontenut ta' din l-informazzjoni. Kompla li hu sar jaf b'din l-investigazzjoni meta kien ircieva r-rapport, li kien jispjega li t-TCU kienet waslet ghall-konkluzjonijiet taghha minn informazzjoni li kienet taghtiha d-Dwana dwar il-konsenji ta' birra u mill-Intrastat dwar il-konsenja ta' ilma minerali importati minnu fil-perjodi relevanti. Qal illi hadd qatt m'urieh jew imqar qallu fuq x'dokumentazzjoni jew figuri kienu qed jigbru l-awdituri investigattivi minn wara daru, u lanqas ma gie mgharraf bil-formola u kalkolazzjonijiet li ghamlu l-awdituri biex wasslu ghal dawn l-istejjem. Zied li kienu saru inferenzi serji li jtebbghu il-komportament tieghu billi gie rraportat illi ma kienx ikkopera mat-TCU. Qal ili hu kien spjega li dak liz-zmien il-*business policy* tieghu kienet li jqassam il-birra Bavaria b'xejn, sabiex ikun jista' jippentra s-suq peress illi s-suq tal-birra huwa kompettitiv hafna u difficli tinfiltrah. Zied illi mir-rapport, jidher li t-TCU strahet hafna fuq l-informazzjoni li kisbet minghand id-Dwana izda din -informazzjoni hija differenti hafna mill-figuri ta' importazzjoni li r-rikorrenti kien ta lid-Dwana.

Xehed illi meta ra li l-Bord tal-Appell dwar l-Eko-Kontribuzzjoni huwa kompost minn ex-kapijiet tat-*Tax Compliance Unit* u tad-Dipartiment tad-Dwana, ha qaghta, ghaliex huwa difficli li wiehed jemmen li l-Bord kien ser ikun imparzjali meta zewg membri minn tlieta kien ser ikunu diga pregudikati favur it-TCU u d-Dwana. Xehed li filfatt, minn qari tad-

decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, huwa car illi l-Bord iffoka sempliciment fuq ix-xoghol li ghamlu l-awdituri fir-rapport taghhom, minflok ma bbaza d-decizjoni tieghu fuq il-lanjanza imressqa fl-appell tar-rikorrenti, tant illi lanqas indirizza hamsa mill-lanjanzi tieghu. Xehed ukoll illi minn din id-decizjoni, huwa car, li hu gie mitfugh f'ambitu fejn kien prezunt hati u kellu jipprova jikkonvinci lill-Bord pregudikat bl-innocenza tieghu, li f'kull paragrafu semmiet in-nuqqas tieghu li jressaq id-dokumenti li ried il-Bord.

**In kontro-ezami** a fol 166 *et seqq* xehed illi huwa kien irregistrat mad-Dipartiment tal-VAT, u qal illi ma kienx gie sfurzat biex jirregistra. Meta rega gie mistoqsi dwar ir-registrazzjoni tieghu ghall-finijiet tal-eko-kontribuzzjoni, qal illi ma kienx jiftakar ezatt. Mistoqsi x'ried ifisser biha il-frasi 'minn wara dahri msemmija diversi drabi fl-affidavit tieghu, spjega illi hu qatt ma kien gie nnotifikat li xi hadd kien qed jigbor informazzjoni dwaru, u hadd t-TCU qatt ma kien nformah li kien qed jigi nvestigat. Qal li kellu laqgha ma' zewg persuni mit-TCU, li kienu tawh lista ta' dokumenti li rieduh jissottometti u hu kien ghadda din il-lista lil accountant tieghu. Qal illi fil-laqgha sussegwenti li kellu, qatt ma ntalab jipproduci aktar dokumenti, u li t-TCU qatt ma kienu ikkomunikaw mieghu iktar.

Mistoqsi ghalfejn ma qabilx mal-istejjem tal-VAT, qal illi dan kien ghaliex il-figuri kienu ikbar minn dawk attwali ghaliex id-dipartiment ma hax in konsiderazzjoni li kienu ghadhom fil-bidu tan-negozju u kienu jghamlu hafna *promotions.*

Xehed illi fl-ewwel laqgha li saret mat-TCU, hu ma kien irrisponda ghal ebda domanda, izda kienu saru laqghat ohra fejn kien assistit minn Dr. Robert Attard u kien ghadda certu dokumenti lid-dipartiment. Qal li kull meta kien gie nnotifikat sabiex jattendi laqgha jew jghaddi xi dokumenti, dan dejjem kien ghamlu.

**Maria Borg,** Senior Accountant impjegata fi hdan it-TCU xehdet a fol 55 *et seqq* illi r-rwol taghha fir-redazzjoni tar-rapport esebit a fol 36 *et seqq* kien li tirrevedi r-rapport li jkun hejja l-Case Officer, li f'dan il-kaz kien Michael Debrincat, u tiffirmah. Spjegat li hi tkun ukoll involuta waqt il-kaz, billi tattendi laqghat mat-*taxpayer*, pero imbaghad ir-rapport jigi redatt mill-Case Officer, u hi tirrevedih. Xehdet illi l-investigaturi tat-TCU joperaw bil-poteri li taghtihom il-ligi, u wiehed mis-sorsi tal-informazzjoni taghhom hija d-Data Warehouse System tad-Dwana. Spjegat li meta fir-rapport jinghad li marru ghand l-awtorita, dan ifisser li marru ghand id-Dwana sabiex jelaboraw fuq certu *data* u jikkonfermaw xi dettalji. Ziedet illi fil-verita, id-Dwana m'hijiex awtorita differenti, izda hija parti minnhom. Ikkonfermat illi t-

TCU ghandha access ghad-data tad-Dwana, tal-VAT u tal-Income Tax, ghaliex din hija kollha parti mid-Data Warehouse System tat-TCU u ghalhekk it-TCU ma jkunx qed igib data barra dik li ghandhom. Qalet illi hemm sistema ta' verifiki fir-rigward ta' din id-data, fis-sens illi hemm per ezempju verifiki ta' *HS Codes*, u jivverifikaw mad-Dwana sabiex ikollhom dettalji akkurati. Qalet illi lit-taxpayer jaghtuh ic-cans illi jara u jiddiskuti din id-data jekk jikkopera maghhom u jmur ghal-laqghat, u f'dawn il-laqghat jigi spjegat lilu kif saru l-kalkoli mit-TCU. Ziedet illi f'dan il-kaz partikolari, r-rikorrent qatt ma mar ghall-laqghat. Ziedet ukoll illi jekk it-*tax payer* qatt ma jattendi laqghat u jissottometti dokumenti, bilfors iridu jimxu fuq l-informazzjoni li jkollhom biss.

Fir-rigward ta' dan il-kaz partikolari xehdet illi t-TCU kien ghamel *double checking* mad-Dwana, sabiex ikollhom aktar dettalji, izda r-rapport huwa limitat ghall-informazzjoni li kellhom access ghaliha huma, peress illi r-rikorrent qatt ma ssottommetta xi dokumentazzjoni hu, jew attenda xi laqghat. Mistoqsija kif waslu ghal *percentage mark up* li ssir referenza ghaliha f'pagna 6 tar-rapport, xehdet illi din l-informazzjoni tkun qieghda fil-*file*, u ziedet li jkunu waslu ghaliha tramite informazzjoni verifikata u sostanzjali, billi jgibu is-*selling price* tal-prodott mill-klijenti potenzjali u ghalhekk tohrog il-*mark up* awtomatikament. Mistoqsija jekk allura marrux fis-suq sabiex jivverifikaw kemm tinbiegh il-birra, wiegbet fin-negattiv, huma marru ghand il-klijent tar-rikorrent stess.

**Michael De Brincat,** Accountant fi hdan it-TCU, xehed a fol 81 *et seqq* u a fol 132 *et seqq* illi fl-10 ta' Lulju kienu baghtu *tax payer certification letter* lir-rikorrenti, u kien saret laqgha fl-20 t'Awissu fejn ir-rikorrenti kien gie moghti lista ta' dokumenti li t-TCU kellu bzonn li jigu prezentati mir-rikorrenti sabiex ikun jista' jsir l-audit. Spjega li r-rikorrenti kien qabbad lil Dunstan Magro bhala *accountant,* u ghalhekk xi xahar wara kienu baghtu lil Magro sabiex iffakruh biex jipprezenta d-dokumenti, u xi gimgha wara kien baghtilhom risposta li kien qieghed fil-process li jhejji d-dokumenti mehtiega u li kien ser jibghat kollox hekk kif ilesti dan il-process. Kompla illi kien ghadda z-zmien u ghalhekk bdew jinsistu li jinghataw data preciza, u jinsistu li jinghataw id-dokumenti, izda peress li kienu baqghu ma rcievew xejn kienu baghtu ittra direttament lir-rikorrenti fit-8 ta' Ottubru fejn tawh gimghatejn cans sabiex jipprezenta d-dokumenti mitluba. Zied li peress li xorta ma kienu rcievew xejn, fis-27 ta' Ottubru kien baghtu email lil Dunstan Magro fejn kienu informawh li kienu ser jipprocedu fuq l-informazzjoni li kellhom, izda avzawh li xorta kienu ser jaccetaw id-dokumenti minghandu jekk jilhaq ilestihom u jibaghthom. Qal li r-rapport kien gie ffinalizzat fis-26 ta' Marzu.

Spjega li din l-*audit* kienet saret fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT, izda zied illi huma jistghu jigu mitluba jaghmlu *audits* anke mill-*Inland Revenue Department* jew mid-Dwana ghaliex jaqghu taht il-Ministeru tal-Finanzi. Mistoqsi jekk din l-*audit* kellhiex fini partikolari, xehed illi huma kellhom jaraw jekk id-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrenti tal-VAT u tal-Eko-kontribuzzjoni, li jaqa' wkoll id-Dipartiment tal-VAT, kienux reali. Fi kliem iehor, kellhom jaraw jekk ir-rikorrent kienx iddikjara kollox. Zied li pero meta jaghmlu din l-*audit* huma jitolbu delega mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni wkoll biex ikunu jistu' jezaminaw kollox. Qal li minn din l-*audit* kien irrizulta li r-rikorrent lanqas biss kien irregistrat ghal-Eko-kontribuzzjoni u ghalhekk kellha ssir *forced registration* minn naha tad-Dipartiment tal-VAT sabiex ihallas l-ammont dovut.

Rigward Dok MDB2 spjega illi dan id-dokument huwa sommarju ta' kif ghamlu l-kalkoli taghhom. Qal illi huma bdew billi raw kemm kellu xiri t-*tax payer* bejn l-2004 u l-2008. Spjega illi peress illi l-maggoranza tax-xiri tar-rikorrenti kien tal-importazzjoni tal-birra, fejn ghalhekk trid tithallas is-Sisa, duty u VAT, u peress illi r-rikorrent ma kien ghaddilhom l-ebda dokument, kien ghamlu kuntatt mad-Dipartiment tad-Dwana. Qal li minn dan irrizulta li kellu xi affarijiet ohra li kien jimporta li ma kienux *excised* peress li ma kienux prodotti alkoholici, u ghalhekk f'dan ir-rigward kienu gabru l-informazzjoni necessarju mill-*intrastat database* (NSA), li huwa dokument li t-*taxpayer* stess huwa obbligat li jirraportah. Kompla illi l-informazzjoni li kienu rcievew minghand id-Dipartiment tad-Dwana kien ikkonfermawha mal-*Vat Information Exchange System (VIES)*, li jkollu l-informazzjoni li s-*suppliers* barranin ikunu obbligati li jirraportaw fil-kaz ta' bejgh lit-*tax payer*. Qal l-ammonti li hargu minn dawn l-ezercizzju qablu bejn wiehed u iehor. Zied li barra minn hekk, ir-rikorrenti kellu ukoll xi xiri lokali, li kien irrizulta peress li kien iddikjarhom hu stess fl-2006 meta kien sar VAT *control check*. Qal li kien permezz ta' din l-informazzjoni li kienu waslu ghall-figura tax-xiri totali. Xehed li pero, meta bdew jipprovaw jirrikonciljaw din l-informazzjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-VAT li kien issottometta r-rikorrenti stess, il-figuri ma bdewx jaqblu u kien hemm differenzi kbar, u kien ghalhekk illi kienu iddeciedew jibbazaw ruhhom fuq l-informazzjoni li hadu minghand tad-Dwana.

Spjega li biex jaslu ghall-figura tal-bejgh totali, kellu jigi identitifkat il-*mark up* fuq il-prodotti tar-rikorrent, u allura kienu analizzaw ix-xiri skont l-*HS code* biex waslu ghall-*cost price* ghat-*tax payer*. Qal illi mbaghad kien kkuntattjaw lil klijenti potenzjali tar-rikorrenti, u cioe persuni li huma hasbu li setghu kienu klijenti tieghu, u t-tnejn mill-ghaxra li kienu kkontatjaw, kien irrispondewhom, wiehed *supermarket* lokali u iehor *Cash and Carry*. Qal li ghalhekk il-*mark*

*up* kien gie identifikat mill-fatturi li r-rikorrenti kien irrilaxxa fuq biegh tal-prodotti in kwistjoni. Spjega li kienu ghazlu l-irhas *selling price* sabiex dan ikun ta' vantagg ghar-rikorrent, u applikawh fuq il-prodotti kollha, u hallew ukoll *allowance* ta' 5% ghal serq jew telf ta' *stock*, applikaw il-*mark up*, u b'hekk waslu ghall-figura tal-bejgh.

Mistoqsi sabiex jispjega kif isir l-*inputting* tal-informazzjoni li gabu minghand id-Dwana, spjega illi d-Dwana jkollhom dik l-informazzjoni peress illi t-*taxpayer* huwa obbligat illi jiddikjara l-prodotti li jkun importa minhabba l-hlas tas-Sisa, VAT u dwana, filwaqt illi l-esportaturi huma wkoll obbligata li jiddikjara il-bejgh taghhom.

Xehed illi l-process tal-awditjar huwa wiehed investigattiv u mhux amministrattiv. Mistoqsi kif inhi rregolata l-procedura tal-investigazzjoni, spjega illi huwa ghandhom *policies* kif imexxu u struttura amministrattiva li japplikaw ghal kull *audit*. Mistoqsi jekk jurux dak li jirrizulta mill-investigazzjoni taghhom lit-*taxpayer*, wiegeb illi filfatt dan issir fl-ewwel laqgha meta jitolbu d-dokumenti, u jekk ikun hemm bzonn jerga jsir kuntatt sabiex jiehdu *feedback* minghand it-*taxpayer*. Xehed illi f'dan il-kaz huma kellhom jipprocedu minghajr il-*feedback* tar-rikorrenti peress illi ma kienx attenda ghall-laqghat meta kienu baghtu ghalih. Mistoqsi x'jigri meta huma jiffinalizzaw ir-rapport taghhom, spjega illi r-rapport jghadduh lill-Kummissarju tal-VAT u x-xoghol taghhom jieqaf hemmhekk. Ikkonferma li l-ewwel opportunita li ghandu t-*taxpayer* sabiex joggezzjoni ghar-rapport huwa wara li johrog l-assessment tal-VAT minghand il-Kummissarju.

**Prodott mill-intimati** a fol 149 *et seqq.*, DeBrincat xehed illi meta kienu ghamlu l-investigazzjoni taghhom, ir-rikorrenti kien ghadu baghat *tax returns* sal-2006, u ghalhekk kien b'lura b'zewg *returns* ghas-snin 2007 u 2008, u dan minkejja li kien obbligat li jibghat dawn ir-*returns*. Qal li pero ir-*returns* tal-VAT kienu qed jinbghatu u ghalhekk huma qaghdu fuq dik l-informazzjoni. Ikkonferma li t-TCU mexa mar-rikorrenti bhal ma jimxu ma kull persuna ohra, minghajr ebda diskriminazzjoni. Mistoqsi mill-Qorti x'kien qalilhom waqt l-ewwel laqgha, DeBrincat qal illi r-rikorrenti kien spjegalhom x'jaghmel bhala attivita, u kien talbuh sabiex jipprezenta xi dokumenti sabiex ikunu jistghu jaghmlu l-verifiki taghhom. Xehed illi huma kien grew wara l-*accountant* tar-rikorrent, li kien dejjem jghidilhom illi kien ghadu qed jghaddilu xi informazzjoni r-rikorrent, izda d-dokumenti qatt ma waslu. Kien ghalhekk li kellhom jigu ghall-figuri a bazi tal-informazzjoni msemmija. Xehed illi r-rikorrent ma kienx irregistrat ghall-finijiet tal-eko-kontribuzzjoni, u ghalhekk kienet saret registrazzjoni forzata. Mistoqsi jekk kienux ghamlu laqgha mar-rikorrenti sabiex jispjegawlu l-*assessment*, wiegeb

illi din ma setghatx issir peress illi r-rikorrenti ma kienx ikkopera.

**Paul Scicluna,** Spettur tal-VAT inkarigat mis-sezzjoni tal-prosekuzzjoni, xehed a fol 145 *et seqq* illi s-sezzjoni tieghu ma nvolvietx ruhha fil-kaz tar-rikorrenti Spjega illi t-TCU hija sezzjoni ta' *accountants* indipendenti mid-dipartiment tieghu.

**Adrian Bonello,** Spettur tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, xehed permezz ta' affidavit a fol 154 *et seqq* u a fol 183 *et seqq* illi d-Dipartiment tal-VAT kien ircieva rapport maghmul mit-TCU li kienet giet iddelegata mill-awtorita kompetenti sabiex taghmel investigazzjoni fuq ir-rikorrent dwar eko-kontribuzzjoni mhux dikjarata, u allura mhux imhallsa, mir-rikorrenti. Spjega li fit-2 ta' Gunju 2009 kienet dahlet fis-sehh, sistema ta' registrazzjoni forzata li kienet tintuza meta d-Dipartiment kien isib persuni li, minkejja li kienu obbligati li jaghmlu dan, ma kienux irregistraw fir-rigward tal-eko-kontribuzzjoni. Qal illi kien permezz ta' din is-sistema li kienet saret ir-registrazzjoni forzata tar-rikorrent.

Spjega li skont l-Att Numru XII tal-2004, u cioe l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, li kien dahal fis-sehh fl-1 ta' Settembru 2004, ir-rikorrent, li kien jimporta l-birra bl-isem Bavaria, kellu l-obbligu li jirregistra mal-awtorita peress illi l-birra kienet iggorr eko-kontribuzzjoni ta' €0.02 ghal kull flixkun jew bott. Qal illi r-rikorrent kien inghata c-cans mid-Dipartiment sabiex jirregola ruhu u fl-ebda moment ma gie ddiskriminat.

Xehed illi r-rikorrent kellu jissottometti d-denunzju indikati sal-15 ta' Dicembru 2009, izda kien issottomettihom fit-23 ta' April 2010 minghajr hlas, wara li kien ircieva l-istejjem li nhargu fit-3 ta' Marzu 2010, li pero kien irrifjuta li jircievi minghand il-pustier. Zied illi pero kopja kienet giet moghtija lir-rikorrent personalment fis-26 ta' Marzu 2010, meta kien mar l-ufficju tal-*Customer Care* tad-Dipartiment.

**Dunstan Magro** xehed a fol 175 *et seqq* illi huwa *accountant* u awditur u kien gie inkarigat mir-rikorrenti sabiex jassistih f'kwistjoni li kellu mat-TCU. Xehed illi l-involviment tieghu kien unikament dwar din il-kwistjoni, u kien deher quddiem il-Bord tal-Eko-Kontribuzzjoni in rappresentanza tar-rikorrent. Xehed li ma jiftakarx jekk ir-rikorrent kien irregistra minn jeddu ghar-rigward tal-Eko-Kontribuzzjoni, peress illi hu kien gie involut sempliciment fi-rigward tal-kwistjoni mat-TCU. Xehed ukoll illi ma jafx jekk id-dokumentazzjoni li kienet qed tigi mitluba mit-TCU kienitx qed tigi sottomessa peress illi kien ir-rikorrent stess li kien jiehu hsieb jissottometti d-dokumentazzjoni necessarja. Zied li r-rikorrent lilu ma kienx ghaddielu

dokumentazzjoni li kien komdu jipprocedi biha.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew preliminarjament illi din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 stante li l-proceduri ntavolati mir-rikorrenti stess quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (Appell Numru 8/2011 EG fl-ismijiet **Hector Carter vs Id-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (L-Awtorita' Kompetenti)** ghadhom pendenti.

Illi jirrizulta illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-appell indikat mill-intimati gie deciz, b'decizjoni sfavorevoli ghar-rikorrent. Ghalhekk huwa jidher illi l-meritu ta' din l-eccezzjoni jinsab ezawrit, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex jigi sospiz l-andament tar-Rikors tal-Appell tar-rikorrenti sakemm tigi deciza l-lanjanza Kostituzzjonali, m'ghandhiex tigi milqugha.

Illi peress illi kif inghad, jirrizulta illi l-appell tar-rikorrenti gie deciz fil-mori ta' din il-kawza, jidher illi l-meritu tal-ewwel talba tar-rikorrenti, u t-tieni eccezzjoni tal-intimati, jinsab ezawrit, u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja m'humiex applikabbli fil-kawza odjerna in kwantu l-lanjanza kif sollevata mir-rikorrent, la tammonta ghal drittijiet civili u tal-obbligi tieghu, wisq anqas ghal 'akkuza kriminali kontra tieghu.' Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jargumentaw illi l-ligi ta' eko-kontribuzzjoni mhux biss m'hijiex ligi fiskali, izda aktar minn hekk, il-Kummissarju tat-Taxxi m'ghandux poteri li huma remotament komparabbli ma dawk tal-Kummissarju tal-Pulizija u li l-proceduri gudizzjarji m'humiex ta' natura kriminali.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrenti argumenta illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg il-kuncett ta' '*criminal charge'* huwa wiehed awtonomu, u ghalhekk il-fatt li l-klassifikazzjoni ta' multa ta' penali kienet indikata bhala wahda amministrattiva, ma teskludiex li din, fir-realta' , tkun wahda ta' natura penali. Ir-rikorrenti jghid li dak li jrid jigi ezaminat huwa l-effett ta' dik l-imposizzjoni, u li ghalhekk, fid-dawl tas-severita tal-multa li t-*taxpayer* jista' jehel b'konsegwenza ta' semplice stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi, m'hemm l-ebda dubju li dawn il-multi huma ta' natura kriminali.

Il-Qorti taghraf illi is-sentenza fl-ismijiet **Engel v. The Netherlands**[8] il-Qorti ta' Strasbourg kienet ikkonfermat it-teorija tal- **'*autonomous concepts*'** li kienet giet zviluppata ghall-ewwel darba mill-Kommissjoni li kienet innotat illi t-termini tal-Konvenzjoni '*criminal charge'* u '*civil rights and* obligations':

> **"*…cannot be construed as a mere reference to the domestic law of the High Contracting Party concerned but related to an autonomous concept which must be interpreted independently, even though the general principles of the High Contracting Parties must necessarily be taken into consideration in any such interpretation.*"**[9]

Din it-teorija giet zviluppata minhabba biza illi:

> **"[i]*f the Contracting Parties were able at their discretion to classify an offence as disciplinary instead of criminal…the operation of the fundamental clauses of articles 6 and 7 would be subordinated to their sovereign will.*"**[10]

F'**Engel and others**, il-Qorti ta' Strasbourg ikkonsidrat illi d-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ligi in kwistjoni ghall-finijiet tal-Konvenzjoni ghandha ssir a bazi ta' tlett fatturi:

L-ewwel net, il-klassifikazzjoni skont il-ligi domestika, liema klassifikazzjoni:

[8] **Engel and Others v. The Netherlands,** ECHR 5100/71; 5101/71; 5102/71; 5354/72; 5370/72, deciza 8 ta' Gunju 1976.
[9] **Twenty One Detained Persons v. Germany**, EComHR (1968), Collection 27, 97 – 116, par. 4.
[10] **Engel and Others,** vide supra fn 8, par. 80 -81.

> ***"…provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States."***[11]

It-tieni nett, in-natura tar-reat, li hu kriterju sostanzjalment ta' aktar relevanza mill-klassifikazzjoni moghtija mill-Istat, u it-tielet:

> ***"…the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the Contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so."***[12]

Il-Qorti taghraf illi hemm linja ta' kazistika tal-Qorti ta' Strasbourg li tirrigward proprju penali u proceduri relatati mat-taxxa u kif dawn jigu klassifikati, fid-dawl tal-principji hawn fuq enuncjati. Il-Qorti taghraf ukoll illi fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg hemm zewg linji ta' hsieb, u cioe dik skont liema il-kriterji indikati f'Engel ghandhom jigu applikati minghajr ebda differnzjazzjoni ghar-rigward ta' penali tat-taxxa, u dik skont liema ghandhom jigu applikati il-kriterji specifici li gew enuncjati f'**Bendenoun v. France**, peress illi il-materja tat-taxxa hija wahda specifika.

Il-Qorti tikkonsidra illi l-Istat ghandu jkun liberu li jaghti lil awtoritajiet fiskali tieghu il-poter illi jippenalizza l-evazjoni tat-taxxa, anke jekk dawn il-penali jkunu sostanzjali, u b'mod generali, tali sistema ma tkunx inkompatibbli mar-rekwiziti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni jekk l-individwu jinghata d-dritt illi jikkontesta dawn id-decizjonijiet quddiem Qorti jew Tribunal li jiggarantixxu l-osservazzjoni shiha tad-drittijiet sanciti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.[13]

---

[11] *Ibid.,* par. 82.
[12] *Idem.*
[13] Vide f'dan is-sens **Bendenoun v. France,** ECHR 12547/86, deciza 24 ta' Frar 1994, par. 46.

Il-kaz li huwa kkonsidrat klassiku fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' penali relatati ma' taxxa huwa dak hawn fuq imsemmi ta' **Bendenoun**. F'dan il-kaz, l-applikant kien ifforma kumpanija li kellu negozju relatat mal-muniti antiki, oggetti tal-arti u hagar prezjuz, fir-rigward ta' liema kienu nbdew proceduri paralleli ta' dwana, taxxa u proceduri kriminali. Bendenoun ilmenta illi fil-proceduri amministrattivi fejn gew imposti *tax surcharges* fuqu, kien gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, u ghalhekk il-Qorti ta' Strasbourg kellha tiddetermina jekk l-Artikolu 6, fil-kappa kriminali tieghu, kienx applikabbli ghall-kaz. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ta' Strasbourg enuncjat l-erba' kriterji li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-penali in kwistjoni ghandhiex tigi klassifikati bhala wahda penali. Dawn il-kriterji huma:

1. Il-ligi ghandha tkun tindirizza lic-cittadini kollha bhala *taxpayers* u mhux lil xi grupp specifiku bi status partikolari. Din il-ligi ghandha timponi certu rekwiziti, u tippreskrivi pieni fil-kaz ta' nuqqas ta' osservazzjoni ta' dawn ir-rekwiziti;
2. Il-penali ghandhom ikunu intizi mhux bhala kumpens pekunarju ghad-danni izda essenzjalment bhala kastig deterrenti;
3. Il-penali ghandhom ikunu mposti taht regola generali, l-ghan ta' liema hija kemm punittiva u kif ukoll deterrent;
4. Il-penali ghandhom ikunu sostanzjali.[14]

L-ebda wiehed minn dawn il-kriterji m'huwa deciziv wahdu. Huwa meta jittiehdu flimkien, u jitqiesu b'mod kumulattiv illi jwasslu ghall-klassifikazzjoni tal-penali bhala wahda kriminali jew sempliciment amministrattiva.

Fil-kaz ta' **Bendenoun** per ezempju, il-**Qorti ta' Strasbourg kienet waslet ghall-konkluzjoni illi l-penali kienet wahda kriminali** ghall-finijiet tal-Konvenzjoni ghaliex, wara li kkonsidrat illi l-ghan tal-ligi, li kienet tapplika b'mod generali ghac-cittadini kollha bhala *taxpayers*, u illi l-ghan taghha kien essenzjalment l-imposizzjoni ta' kastig deterrent, rat ukoll illi l-multi mposti kemm fuq Bendenoun personalment u kif ukoll fuq il-kumpanija tieghu kienu sostanzjali, u fin-nuqqas ta' hlas setghat tigi mposta piena ta' habs mill-Qrati.

Illi a kuntrarju ta' dan, fis-sentenza fl-ismijiet **Janosevic v. Sweden,** gie ritenut illi:

"…***the second and third criteria mentioned above*** [in-natura tal-offiza, u

[14] *Ibid*, par. 47.

n-natura u s-severita tal-piena] …***are alternative and not cumulative: for Article 6 to apply by virtue of the words "criminal charge", it suffices that the offence in question should by its nature be "criminal" from the point of view of the Convention, or should have made the person concerned liable to a sanction which, by its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere. This does not exclude that a cumulative approach may be adopted where the separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a "criminal charge"*** *(see Lauko, cited above, pp. 2504-05, § 57).*"

*As regards the nature of the conduct imputed to the applicant, the Court notes that the Tax Authority and the County Administrative Court found that the applicant had supplied incorrect information in his tax returns. The resultant tax surcharges were imposed in accordance with tax legislation – inter alia, Chapter 5, sections 1 and 2, of the Taxation Act – directed towards all persons liable to pay tax in Sweden and not towards a given group with a special status.*

*Moreover, although there is, as argued by the Government, a public financial interest in ensuring that the tax authorities have adequate and correct information when assessing tax, this* ***information is secured by means of certain requirements laid down in Swedish tax legislation, to which is attached the threat of a considerable financial penalty for noncompliance.*** *It is true that the tax surcharges were imposed on the applicant on objective grounds without the need to establish any criminal intent or negligence on his part. However,* ***the lack of subjective elements does not necessarily deprive an offence of its criminal character****; indeed, criminal offences based solely on objective elements may be found in the laws of the Contracting States (see Salabiaku v. France, judgment of 7 October 1988, Series A no. 141-A, p. 15, § 27). In this connection, the Court notes that the present system of tax surcharges has replaced earlier purely criminal procedures. It appears that the change from the earlier system, which was one of penalties for intentional or negligent conduct, to the new system based on objective*

*factors was prompted by the need for greater efficiency.*

*Furthermore**, the present tax surcharges are not intended as pecuniary compensation for any costs that may have been incurred as a result of the taxpayer's conduct**. Rather, the main purpose of the relevant provisions on surcharges is to exert pressure on taxpayers to comply with their legal obligations and to punish breaches of those obligations. **The penalties are thus both deterrent and punitive. The latter character is the customary distinguishing feature of a criminal penalty** (see Öztürk, cited above, pp. 20- 21, § 53).*

***In the Court's opinion, the general character of the legal provisions on tax surcharges and the purpose of the penalties, which are both deterrent and punitive, suffice to show that for the purposes of Article 6 of the Convention the applicant was charged with a criminal offence.***

***The criminal character of the offence is further evidenced by the severity of the potential and actual penalty**. Swedish tax surcharges are imposed in proportion to the amount of the tax avoided by the provision of incorrect or inadequate information. The surcharges, normally fixed at 20% or 40% of the tax avoided, depending on the type of tax involved, have no upper limit and may come to very large amounts.*"[15]

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **J.B. v. Switzerland,** intqal illi:

"*The Court observes that, in the present case, the proceedings served the various purposes of establishing the taxes due by the applicant and, if the conditions therefore were met, of imposing on him a supplementary tax and a fine for tax evasion. Nevertheless, the proceedings were not expressly classified as constituting either supplementary-tax proceedings or tax-evasion proceedings.*

[…]

[15] **Janosevic v. Sweden**, ECHR 34619/97 deciza 23 ta' Lulju 2002, par. 67 -69.

> *The Court furthermore considers, and this was not in dispute between the parties, that from the beginning and throughout the proceedings the tax authorities could have imposed a fine on the applicant on account of the criminal offence of tax evasion. According to the settlement reached on 28 November 1996, the applicant did indeed incur such a fine amounting to CHF 21,625.95.* ***The penalty was not, however, intended as pecuniary compensation; rather, it was essentially punitive and deterrent in nature. Moreover, the amount of the fine incurred was not inconsiderable. Finally, there can be no doubt that the fine was "penal" in character*** *(see A.P., M.P. and T.P. v. Switzerland, cited above).*
>
> *In the Court's opinion, whatever other purposes served by the proceedings, by allowing the imposition of such a fine on the applicant, the proceedings amounted in the light of the Court's case-*law *to the determination of a criminal charge.*
>
> *As a result, the Court finds that Article 6 is applicable under its criminal head.*"[16]

Fil-kaz ta' **Jussila v. Finland,** il-Qorti kienet tal-fehma illi l-kriterju tan-natura tal-offiza huwa aktar important fil-kawzi tat-taxxa. Il-Qorti irriteniet illi:

> "*No established or authoritative basis has therefore emerged in the case-law for holding that the minor nature of the penalty, in taxation proceedings or otherwise, may be decisive in removing an offence, otherwise criminal by nature, from the scope of Article 6.*
>
> *Furthermore, the Court is not persuaded that the nature of tax surcharge proceedings is such that they fall, or should fall, outside the protection of Article 6. Arguments to that effect have also failed in the context of prison disciplinary and minor traffic offences (see, among others, Ezeh and Connors and Öztürk, both cited above). While there is no doubt as to the importance of tax to the effective functioning of the State, the Court is not*

[16] **J.B. v. Switzerland,** ECHR 31827/96 deciza fit-3 ta' Mejju 2001, par. 48 – 50.

*convinced that removing procedural safeguards in the imposition of punitive penalties in that sphere is necessary to maintain the efficacy of the fiscal system or indeed can be regarded as consonant with the spirit and purpose of the Convention. In this case the Court will therefore apply the Engel criteria as identified above.*

*Turning to the first criterion, it is apparent that the tax surcharges in this case were not classified as criminal but as part of the fiscal regime. This is however not decisive.*

***The second criterion, the nature of the offence, is the more important.*** *The Court observes that, as in the Janosevic and Bendenoun cases, it may be said that the tax surcharges were imposed by general legal provisions applying to taxpayers generally. It is not persuaded by the Government's argument that VAT applies to only a limited group with a special status: as in the previously-mentioned cases, the applicant was liable in his capacity as a taxpayer. The fact that he opted for VAT registration for business purposes does not detract from this position. Further, as acknowledged by the Government, the tax surcharges were not intended as pecuniary compensation for damage but as a punishment to deter reoffending.* ***It may therefore be concluded that the surcharges were imposed by a rule whose purpose was deterrent and punitive. The Court considers that this establishes the criminal nature of the offence.*** *The minor nature of the penalty renders this case different from Janosevic and Bendenoun as regards the third Engel criterion but does not remove the matter from the scope of Article 6. Hence, Article 6 applies under its criminal head notwithstanding the minor nature of the tax surcharge*."[17]

Il-Qorti taghraf illi l-hsieb gurisprudenzjali huwa fis-sens illi l-ligi li tirregola l-eko-kontribuzzjoni m'hijiex ligi fiskali. Il-Qorti, tqis pero' illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg rigward l-applikabbilita tal-Artikolu 6 fir-rigward ta' ligijiet fiskali, tista' titfa dawl fuq il-kwistjoni in dizamina, u cioe, jekk il-penali mposti fuq ir-rikorrenti, kienux ta' natura kriminali.

[17] **Jussila v. Finland**, ECHR 73053/01 deciza 23 Novembru 2006, par. 36 – 38.

Il-penali amministrattivi li persuna tista' tehel skont il-Regolamenti dwar l-Eko-Kontribuzzjoni huma s-segwenti:

> ***"2. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), meta prospett mibgħut minn persuna reġistrata skond l-Att għal xi perjodu, ikun fih dikjarazzjoni bin-nieqes tal-eko-kontribuzzjoni dovuta għal dak il-perjodu, dik il-persuna tista' teħel penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għaxra fil-mija tal-eċċess tal-ammont korrett ta' eko-kontribuzzjoni fuq il-kontribuzzjoni dikjarata fil-prospett.***
>
> ***(2) Meta persuna tikkoreġi d-dikjarazzjoni bin-nieqes imsemmija fis-sub regolament (1) skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6, dik il-persuna tista teħel penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal ħamsa fil-mija tal-eċċess tal-ammont korrett ta' eko-kontribuzzjoni fuq il-kontribuzzjoni dikjarata fil-prospett.***
>
> ***3. Meta prospett mibgħut għal perjodu ma jkunx fih dikjarazzjoni sħiħa u korretta tat-tagħrif meħtieġ li jiġi dikjarat minn dik il-persuna, skond il-partita 2 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att u dik il-persuna ma tikkoreġix dak il-prospett skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6, dik il-persuna għandha, sakemm dik il-persuna ma tkunx weħlet minħabba dak in-nuqqas xi penali amministrattiva ogħla taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, teħel penali amministrattiva ta' mitejn u tnejn u tletineuro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).***
>
> ***4. Kull persuna reġistrata taħt l-Att li, għax tkun meħtieġa li tibgħat prospett għal xi perjodu, ma tibgħatx dak il-prospett jew tibgħat il-prospett mingħajr ma tibgħat il-pagament sħiħ tal-eko-kontribuzzjoni kollu dovut skond dak il-prospett, sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm il-perjodu, tista' teħel penali amministrattiva f'ammont ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin lira (€58.23) għal kull xahar jew parti minnu li jiskadi mid-data meta kellu jintbagħat il-prospett jew il-pagament, skond il-każ.***
>
> ***5. Kull persuna li, meta tkun meħtieġa li tapplika għal***

> ***reġistrazzjoni taħt it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, tonqos milli tapplika fit-terminu ta' żmien preskritt fl-imsemmija Skeda, tista' teħel penali amministrattiva f'ammont ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin euro (€58.23) għal kull xahar jew parti minnu li jiskadi mid-data li fiha kellha ssir l-applikazzjoni u d-data li fiha l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tintbagħat lill-awtorità.***"

Minn naha l-ohra, jekk il-Kummissarju jiddeciedi illi jibda proceduri kriminali minhabba xi kontravenzjoni tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, skont l-artikolu 16 (1) tal-istess Att:

> "***Kull persuna li tikser jew tonqos milli tħares xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, tkun ħatja ta' reat, u tista' teħel, jekk tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (23,290) jew ammont daqs tliet darbiet l-ammont ta' eko-kontribuzzjoni li għandha titħallas fuq il-prodotti li dwarhom ikun sar ir-reat, skont liema ammont ikun l-ogħla.***"

**Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car illi l-penali amministrattivi m'humiex ta' natura penali**. Illi l-ewwel nett, b'referenza ghall-ewwel kriterju stabbilit f'**Bendenoun**, il-Qorti tirrileva illi l-eko-kontribuzzjoni m'hijiex dovuta a bazi ta' ligi fiskali applikabbli lic-cittadini b'mod generali, izda hija dovuta biss fir-rigward ta' certu prodotti bil-ghan illi jigi mminimizzat l-iskart, jew alternattivament, li sservi bhala kontribuzzjoni li tkun tista' tintuza ghall-ispejjez relatati mar-rimi jew riciklagg tal-istess prodott. Filfatt, l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni jistabilixxi skema ta' kreditu ghall-eko-kontribuzzjoni mhallsa fuq prodotti li fir-rigward taghhom isir irkupru.

Inoltre, l-penali amministrattivi provduti fir-Regolamenti imsemmija, ma jistghux jitqiesu bhala penali sostanzjali. A kuntrarju, dawn il-penali huma proporzjonali, u r-Regolamenti stess jipprovdu ghall-possibilita illi l-penali jitnaqqsu b'mod sostanzjali jekk l-individwu jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. Relevanti wkoll huwa l-fatt illi jekk il-Kummissarju jaghzel li jistitwixxi proceduri kriminali, **l-multa li tista' tigi mposta hija hafna aktar severa**, u cioe somma li hija **tlett darbiet** tal-ammont ta eko-kontribuzzjoni li kellha tithallas, jew multa ta' mhux izjed minn **€23,290**, skont liema ammont ikun aktar gholi. Fil-kaz tar-rikorrent ghalhekk, li kieku l-Kummissarju ghazel illi jistitwixxi proceduri kriminali, il-multa kien jehel

ir-rikorrent kienet tkun tizboqq in-nofs miljun ewro, filwaqt illi peress illi l-penali li gew imposti fuq ir-rikorrenti kien dawk amministrattiva, huwa wehel ammont li huwa ftit inqas minn €17,000, liema ammont seta' terga jonqos bin-nofs li kieku r-rikorrenti ghazel minn jeddu li jikkoregi l-istima li kellha tigi prezentata.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis ukoll illi m'hijiex konvinta li dawn il-penali amministrattivi huma ntizi bhala kastig. Indubbjament ghandhom karattru deterrent, pero dan wahdu ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-multi huma ta' natura penali, ghaliex fil-verita, kull tip ta' konsegwenza negattiva ghall-agir determinat tirraprezenta minnha nnifsha deterrent kontra dak l-agir. Hekk per ezempju, il-possibilita illi wiehed jigi kkundannat ihallas kumpens civili ghal danni kkawzati bi htija tieghu tista' titqies bhala deterrent milli jigu kkawzati danni, izda dan ma jfissirx illi s-sistema legali li tirregola d-danni delittwali jew kwazi-delittwali hija ta' natura kriminali u li d-danni likwidati mill-Qorti huma penali ta' natura kriminali. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, il-fatt wahdu li l-penali amministrattivi jistghu jkunu intizi wkoll bhala deterrent ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-penali amministrattivi li gew imposti fuq ir-rikorrenti huma ta' natura penali kif qed jikkontendi r-rikorrenti.

Minn dan kollu jsegwi, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-penali mposta fuq ir-rikorrenti ma kienetx ta' natura penali, u ghalhekk l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni taht il-kappa kriminali taghhom, hekk kif invokati mir-rikorrenti, m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Il-Qorti taghmilha cara illi m'hijiex qed tghid illi proceduri ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji dwar il-legalità tal-likwidazzjoni tat-taxxa m'humiex soggetti ghall-garanzija ta' access ghall-Qorti u smiegh xieraq skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. A kuntrarju, din il-Qorti tikkonferma u tirribadixxi t-taghlim tal-Qrati Maltin illi fejn il-legislatur jaghzel illi jaghti lit-*taxpayer* il-possibilita li jikkontesta l-legalita jew il-korrettezza tal-stima fiskali, ghandu jara li s-sistema u l-proceduri jigarantixxu d-dritt ghall-access ghall-Qorti u s-smiegh xieraq.[18] Illi pero, f'dan il-kaz ir-rikorrenti ibbaza l-ilment tieghu fuq l-argument illi il-penali amministrattiva li gie soggett ghaliha fir-rigward tal-eko-kontribuzzjoni kienet ta' natura penali u li ghalhekk huma applikabbli il-garanziji minimi relattivi ghal smiegh xieraq fil-kuntest ta' proceduri kriminali. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-

[18] Vide per ezempju **Atnhony Frendo vs Avukat Generali et,** Qorti Kostituzzjonali, deciza 30 ta' Novembru 2001; **Vincent Cilia vs Prim'Ministru et,** Qorti Kostituzzjonali, deciza 28 ta' Jannar 2005; **Pig Breeding Co. Ltd. vs Avukat Generali et,** Qorti Kostituzzjonali, deciza 6 ta' April 2006; **Clayton Communications Company Limited vs Prim Ministru,** Qorti Kostituzzjonali, deciza 29 ta' Jannar 2010.

penali li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti m'humiex ta' natura kriminali kif qed jikkontendi hu, u dan ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati. Ghalhekk, galadarba t-talbiet tar-rikorrenti huma bbazati unikament fuq il-premessa illi l-penali mposti fuqu fir-rigward tal-eko-kontribuzzjoni kienet ta' natura penali, u galadarba l-Qorti sabet illi dan filfatt m'huwiex minnu, ghandu jsegwi illi t-talbiet tieghu ma jistghux jigu milqugha.

**Ikkonsidrat;**

Illi r-rikorrenti talab ukoll illi din il-Qorti ssib lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu hekk kif sancit permezz tal-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll tal-istess Konvenzjoni. Skont l-istess artikolu:

> **"*No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State*."**

Il-Qorti taghraf illi r-rikorrent fl-ebda stadju ma spjega ezattament kif l-artikoli citati jwassal ghal-lezjoni ta' dan id-dritt. Il-Qorti tirrileva illi fil-verita din it-talba hija kompletament fiergha, mhux biss ghax ma tirrizultax mill-provi illi r-rikorrenti fil-fatt gie '*tried or punished twice…for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted..."* izda il-ghsliex fil-kaz in ezami, dan huwa legalment impossibli. Apparti l-fatt illi sabiex ikun applikabbli dan l-artikolu, il-penali amminstrattivi mposti fuqu kellhom ikunu ta' natura kriminali, li din il-Qorti sabiex li m'humiex, l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni **stess jipprekludi espressament il-possibilta** illi minn wara inposizzjoni amministrativi, it-*tax payer* jigi sottopost ukoll ghall-proceduri kriminali ghall-istess nuqqasijiet. Filfatt, l-Artikolu 14 (1) jipprovdi illi:-

> "*L-awtorità tista' timponi penali amministrattiva fuq kull min –*
>
> *(a) jikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu;*
>
> *(b) jonqos milli jħares xi talba jew deċizjoni mogħtija mill-awtorità taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu:*

***Iżda f'dawk il-każijiet kollha fejn l-awtorità timponi penali amministrattiva dwar xi att jew ommissjoni minn xi persuna u dak l-att jew dik l-ommissjoni jikkostitwixxu reat kriminali, ma jistgħu jinbdew jew jitkomplew ebda proċedimenti kontra dik il-persuna dwar dak ir-reat kriminali*"**

Ghalhekk huwa car illi din il-parti tat-talba mhux biss hija nfondata, izda hija fiergha u vessatorja, u ghaldaqstant qed tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara ezawrit l-meritu tal-ewwel talba tar-rikorrent u l-korrispondenti tieni eccezzjoni tal-intimati, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati,  tilqa' l-hames eccezzjoni tal-intimati, tiddikjara illi l-multi mposti ma kienux ta' natura kriminali u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**